MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 271/2010

**Il-Pulizija**

**(Spt. Paul Bond)**

**(Spt. Louise Calleja)**

**Vs**

**Hamid El Faiq**

**Illum 15 ta' Jannar, 2015,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' April, 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda

1. bil-vjolenza, kkommetta stupru vjolent fuq il-persuna ta' ***Omissis*** minuri ta' erbatax-il sena;
2. b'eghmil zieni kkorrompa lill-istess ***Omissis***, minuri ta' erbatax-il sena;
3. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess minuri ***Omissis*** kontra l-volonta` tieghu u dan bhala mezz biex hu jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;
4. ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta' ***Omissis***, minuri ta' erbatax-il sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 198, 203, 86, 87(1)(g), 207 u 533 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu bl-assorbiment tar-raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmi appellant liema akkuza tirrigwarda attentat vjolent da parti tal-istess appellant fuq il-persuna ta' ***Omissis*** minuri ta' erbatax-il sena fl-ewwel akkuza li tirrigwarda stupru vjolent da parti tal-istess appellant fuq il-persuna ta' ***Omissis*** minuri ta' erbatax-il sena u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-gravita` tar-reati kommessi mill-appellant Hamid El Faiq u minn naha l-ohra l-fedina penali netta tal-appellant ikkundannat lill-appellant Hamid El Faiq ghall-piena komplessiva ta' tmien (8) snin prigunerija.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ordnat lill-appellant Hamid El Faiq sabiex fi zmien erba' xhur ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' €347.08 rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti f'din il-kawza.

Finalment il-Qorti biex tigi protetta l-identita` tal-vittma koncernat ordnat li isem u kunjom il-vittma, isem u kunjom il-genituri tieghu, l-post fejn joqghodu u fejn kien imur skola l-vittma u dettalji ohra li bihom jista` jigi identifikat il-vittma ma ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta'

l-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba` imputazzjoni, bl-assorbiment tar-raba akkuza fl-ewwel akkuza, u allura tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena u subordinatament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-appellant talab li fil-kaz ta' konferma ta' htija "in toto" jew "in parte" dina l-qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok, minhabba c-cirkostanzi tal-kaz odjern, tapplika piena ehfef u aktar idonea ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemha ghax b'dawk il-provi li tressqu ma kellhiex tirrizulta htija ta' stupru vjolenti, jew korruzzjoni ta' minorenni jew sekwestru ta' persuna, u/jew attentat vjolenti ta' pudur fuq il-persuna ***Omissis***, tifel minorenni.

It-tieni l-appellant sofra pregudizzji serji kemm bil-mod kif il-Pulizija kkondecew l-investigazzjonijiet taghhom u kemm minhabba n-nuqqas ta' l-appellant li jaccetta li jsiru testijiet medici fuq il-persuna tieghu biex wiehed jaccerta ruhu jekk kienx hemm xi forma ta' laceration. Sussidjarjament u assolutament bla pregudizzju ghas-suespost il-piena nflitta hija eccessiva u ghandu jkun hemm temperament f'dina l-piena.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sitta (6) ta' April tal-elfejn u erbgha (2004) ***Omissis***, tifel ta' erbatax-il sena flimkien mal-genituri tieghu marru l-ghassa tal-pulizija u ghamel rapport illi

xi tlieta jew erba' xhur qabel meta t-tifel kien qed jilghab il-ballun fi ***Omissis***, gie abbuzat mill-appellant Hamid el Faiq. ***Omissis*** allega illi l-appellant dahhlu f'dahla ta' garaxxijiet u hemmhekk ippenetrah sesswalment. Allega ukoll illi dakinhar tas-sitta (6) ta' April elfejn u erbgha (2004) meta t-tifel kien ma' missieru go hanut u ra lill-imputat, it-tifel telaq jigri biex imur id-dar halli jahrab mill-appellant izda l-appellant mar warajh u lahqu u sfurzah imur id-dar tieghu fi ***Omissis*** u hemmhekk ghamel atti sesswali mieghu. Il-pulizija bdew jinvestigaw dan l-incident, baghtu ghall-appellant illi volontarjament gie l-ghassa ***Omissis,*** cahad l-akkuzi kontra tieghu izda l-pulizija ipprocedew kontra tieghu xorta wahda bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza moghtija fil-hdax (11) ta' Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 355) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu bl-assorbiment fejn dawn jirrikorru u ikkundannatu ghal tmien (8) snin prigunerija kif ukoll ihallas l-ispejjez tal-perizji.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha intepona appell u l-aggravji tieghu qeghdin principalment fuq apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti fejn minhabba konflitt serju ma setghetx ikollha dak il-konvinciment morali ta' htija u kwindi l-appellant kellu jigi illiberat. It-tieni aggravju jikkoncerna l-pregudizzju li sofra l-appellant bil-mod kif il-pulizija ipprocedew fl-investigazzjoni fejn naqsu illi jordnaw jew jesegwixxu testijiet medici fuq il-persuna tieghu wara l-allegazzjoni illi saret fuq minn ***Omissis***. It-tielet aggravju kienet illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva u wisq gravuza fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra dawn l-aggravji triq taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-komportament tal-appellant fil-mori ta' dan l-appell liema komportament beda bir-rikors tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) (fol 371) fejn l-appellant talab illi jigu ri-ezaminati l-provi in vista ta' ittra illi huwa allegatament ircieva minghand il-parti leza ***Omissis***. Fuq din it-talba l-Qorti baghtet l-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u ordnat l-investigazzjoni. Eventwalment xhedu quddiem din il-Qorti l-Ispettur Louise Calleja u l-istess parti leza ***Omissis***. L-Ispettur Louise Calleja qalet li investigat l-ittra u baghtet ghal ***Omissis*** fil-hamsa (5) ta' Lulju tal-elfejn u hdax (2011) fejn dan qallha li ma kellu l-ebda kuntatt mal-akkuzat. Innega li kiteb l-ittra u qallha illi qatt ma kiteb ittri f'hajjtu ahseb u ara kemm se jikteb lill-akkuzat. Hadet sample tal-kitba tieghu u ***Omissis*** qallha illi huwa meta jikteb xi haga jiktibha bl-Ingliz. Dana ikkonfermah personalment ***Omissis*** quddiem din il-Qorti fejn gie muri l-ittra a fol 372 u qal kategorikament illi l-ittra ma kitibhiex hu. Id-data tat-twelid hija hazina peress illi hu twieled fl-elf disa' mija disgha u tmenin (1989). Qal li

difficli ghalih biex jikteb bil-Malti u aktar komdu jitkellem bl-Ingliz milli bil-Malti. Terga' u tghid u ma jiktibx bil-capital letters; jikteb normali bhal kulhadd illi ha edukazzjoni f'Malta. Terga', ma jirreferix ghalih innifsu bhala ***Omissis*** izda biss bhala ***Omissis***.

Il-Qorti tirrileva illi l-appellant esebixxa ittra illi kiteb hu stess iffirmata minnu bid-data tlieta (3) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) mibghuta lill-"European Court of Human Rights" li tinsab a fol 342 (li però tigi wara fol 389!) u minn hawn tidher similjanza kbira bejn din l-ahhar ittra u dik li suppost ircieva l-appellant minghand ***Omissis***. Ma tridx tkun xi espert kalligrafu biex tirrealizza illi min kiteb l-ittra a fol 342 lill-"European Court of Human Rights" kiteb ukoll l-ittra illi ircieva l-appellant illi kopja taghha tidher a fol 372. Din il-Qorti hija moralment konvinta illi din l-ahhar ittra inkitbet mill-istess appellant sabiex iqarraq u jizvija l-investigazzjoni u jnehhi l-pressjoni diretta fuqu konsegwenza ta' din il-kawza.

Bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, fl-ahhar seduta l-appellant ipprova jesebixxi fotokopja ta' ittra ohra illi suppost ircieva minghand persuna anonima illi identifikat ruhha bhala l-gharusa ta' ***Omissis*** fejn tghid illi dak illi ***Omissis*** allega fil-konfront tieghu ma kienx minnu. Din l-ittra hadet il-forma ta' fotokopja mhux awtentikata u gustament din il-Qorti m'accettatx illi tiddahhal bhala prova jew tigi ikkunsidrata kif jidher fil-verbal tas-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru.

Dan inghad, il-Qorti issa tghaddi biex tikkonsidra l-meritu u l-aggravji tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant ilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-Qorti tal-provi illi ngabu quddiemha. Argumenta illi fil-fatt kien difficli hafna sabiex dak illi allega ***Omissis*** fil-fatt sehh. Improbabbli li l-incident bhal dan isir jisma f'post residenzjali minghajr hadd ma jara xejn. Fuq l-istupru johorgu zewg verzjonijiet differenti. L-appellant jallega illi ***Omissis*** dahaq b'kulhadd. L-appellant m'ghandux gibdiet lejn l-irgiel u dejjem cahad u stqarr l-innocenza tieghu. Il-provi xjentifici ma irrizulta xejn fuq il-parti leza; ma kellu l-ebda ferita u l-ezami fuq il-hwejjeg tal-minuri ma sarx. Hemm konflitt fl-istess verzjonijiet illi ta l-minuri. Dan jghid illi darba minnhom l-appellant dahal fil-hanut fejn kien hemm missier il-minuri izda dan tal-ahhar tant beza' meta dahal l-appellant, harab. Dan mhux probabbli ghax il-missier tal-parti leza huwa ta' statura ferm akbar mill-appellant. Meta tqis l-età tal-minuri u l-istatura tieghu kien improbabbli li jigi stuprat minghajr ma joffri rezistenza. Ghalhekk, meta l-provi jigu analizzati, l-Qorti ma setghetx tasal ghall-htija u l-appellant messu gie illiberat.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ezaminat sew ix-xhieda prodotti f'dawn l-atti u rat ukoll bir-reqqa s-sentenza tal-ewwel Qorti u l-konsiderazzjonijiet illi ghamlet. Ma hemmx dubbju li l-ewwel Qorti ghamlet ix-xoghol taghha sew kemm ghal dak illi jirrigwarda l-meritu kif ukoll l-aspetti legali tal-istupru illi mhumiex in kontoversja peress illi fir-rikors tal-appellant tieghu l-appellant ma jsemmi xejn dwar dawn l-aspetti legali. Flimkien mal-argumenti tal-ewwel Qorti din il-Qorti tghid illi, veru l-parti leza kellu erbatax-il sena però fis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha kellu biza' kbira u ma kienx jaf x'ser jaqbad jaghmel. Il-parti leza ta deskrizzjoni grafika ta' dak illi gralu u a fol 49 jghid illi l-atti sesswali saru fil-garaxx u mhux fit-triq. Il-Qorti tirreferi ghax-xhieda a fol 52 u d-diskrezzjoni tat-tifel u l-kliem li uza biex iddeskriva dan l-incident. Hemm ukoll ix-xhieda tal-espert Dottor Mario Scerri (fol 160 u 260) fejn dan qatt ma qal illi bilfors ikun hemm id-demm jew xi feriti wara xi stupru, anzi jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jhallux marka – kull bniedem differenti. Hu difficli illi l-vittma titkellem fuq dak illi jkun sehh fuqu iktar u iktar meta jkun hemm theddida ta' swat. Mhux hekk biss izda jghid ukoll "... I was afraid for my life...". U jkompli jaghti d-dettalji ta' dak illi gara fil-garaxx. Tul dan iz-zmien kollu ***Omissis*** qatt ma biddel il-verzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel argument tieghu l-appellant irrileva illi stante konflitt fil-provi bejn dak illi qal hu u dak illi xehed il-parti leza, il-Qorti kellha bilfors tasal ghal-liberazzjoni tal-appellant. Il-Qorti però ma jidhrilhiex illi dan huwa l-kaz peress illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Hekk qalet il-Qorti fil-kawa Il-Pulizija versus Thorn deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-9 ta' Lulju 2003 u kompliet, "imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'xhiex ser temmnu jew ma temmnux." (ara ukoll Ir-Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et, 19 ta' Ottubru 2006). U dana huwa proprju dak illi ghamlet l-ewwel Qorti meta fis-sentenza taghha a fol 356 tghid "Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li kellha l-opportunità li tisma' d-depozizzjoni tal-allega vittma l-minuri ***Omissis*** u dik tal-imputat u ghalhekk kellha l-opportunità li tosserva l-komportament tal-persuna meta din kienet qed tiddeponi.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-minuri ***Omissis*** fid-depozizzjoni tieghu moghtija bil-video conferencing fis-seduta tas-sittax (16) ta' April elfejn u erbgha (2004) liema depozizzjoni tinsab minn 10 sa fol 69 tal-process hija wahda kredibbli. L-ewwel Qorti hawnhekk ghandha l-konfort tal-artikolu 638(2) tal-Kap 9 meta jghid, "B'dan kollu f'kull

kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar." L-ewwel Qorti deherilha illi kellha toqghod fuq ix-xhieda tal-parti leza ***Omissis*** peress illi wara li ghamlet l-evalwazzjoni skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali qieset illi l-verzjoni tieghu hija aktar kredibbli. Din il-Qorti wara li ghamlet l-ezami opportun tax-xhieda prodotti, ukoll dik moghtija mill-appellant, ukoll tasal ghall-konkluzjoni illi x-xhieda moghtija minn ***Omissis*** hija aktar kredibbli.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant jilmenta bi pregudizzju bil-mod kif il-pulizija ikkonducew l-investigazzjonijiet taghhom u kemm minhabba n-nuqqas tal-esponent li jaccetta li jsiru testijiet medici fuq il-persuna tieghu biex wiehed jaccerta ruhu jekk kienx hemm xi forma ta' lacerazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jghid "bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti." Hawnhekk l-appellant qieghed jilmenta illi thallew barra xi provi illi kienu ta' pregudizzju ghalih peress illi dawn il-provi seta' jibbenefika minnhom. Il-Qorti però ma jidhrilhiex illi b'daqshekk il-provi jew it-tezi tal-Prosekuzzjoni tkun kompromessa ghax thalliet barra xi prova. L-artikolu fuq imsemmi 638 jibda bil-kliem "Bhala regola." Ghalhekk, jekk tithalla barra xi prova ma jfissirx illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni tkun kompromessa. Jekk mill-provi l-ohra li jkunu prodotti l-Qorti tista' tasal ghal certezza morali dwar il-htija ta' persuna, f'dan il-kaz allura l-Qorti mhiex prekluza tippronuncja ruhha skont kif jidhrilha f'dak il-kaz. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha wara konsiderazzjoni bir-reqqa tal-provi illi gew prodotti u deherilha illi kien hemm provi bizzejjed biex iwasslu ghall-htija tal-appellant u iddecidiet b'dak il-mod. Din il-Qorti ma tara l-ebda pregudizzju bil-mod kif imxew il-pulizija fil-konfront tal-appellant.

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi l-piena inflitta hija gravuza wisq fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun inghatat (Repubblika versus David Vella, 14 ta' Gunju 1999; Repubblika versus Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003). Il-piena imposta mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma ssib xejn x'jindika illi kellha tkun anqas jew aktar milli erogat l-ewwel Qorti. Ghalhekk f'dan il-kaz din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi disturbata.

Din il-Qorti ghalhekk tasal ghall-konkluzjoni illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha, f'liema kaz, allura mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Kif qalet il-kawza Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt, appell kriminali, l-1 ta' Dicembru 1994, "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta, u evidentement giet emmnuta .. il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament." Ghalhekk la l-apprezzament illi ghamlet l-ewwel Qorti hija perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------